MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2012

Numru. 482/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**ETIENNE BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ETIENNE BORG,** ta’ tlieta u tletin (33) sena, bin Joseph u Maria Dolores nee Azzopardi, imwieled San Giljan fis-6 ta’ Gunju 1978, residenti 33, Triq San Geraldu, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 341978M gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Fl- 4 ta’ Mejju 2012 ghal habta ta’ l-ghaxra neqsin kwart ta’ filghaxija (9.45pm) u hinijiet wara fil-grawnd tal-futbol tal-Hibernians li jinsab fil-Qasam Industrijali ta’ Kordin u/jew f’dawn il-gzejjer attakka jew ghamel

rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubbblika, kontra PC 649 D. Decelis bhala Ufficjal tal-Pulizija waqt li kien li kien inkarigat skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, fil-waqt li kien qed u jagixxi ghal ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti.

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi ghamel ingurji u theddid fuq il-persuna ta' Pc649 D. Decelis u/jew Ufficjali ohra tal-Pulizija persuni nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qieghdin jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Pc649 D. Decelis nkarigat minn Servizz Pubbliku liema ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci Reg 2486 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.

4. U aktar talli fl-istess cirkustanzi m'obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe' lil PC649 D. Decelis, PC1267 A.Polidano u/jew Ufficjali ohra tal-Pulizija waqt li kienu qed jaghmlu id dmirijiet taghhom u billi ma halliehomx jaghmlu dak li bil-Ligi kienu ordnati li jaghmlu u jew jista' jaghmlu w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b'mod li jkun.

5. Ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1267 A. Polidano skond kif icccertifika Dr Ian Gauci Reg 2486 mic-centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid

6. Aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

7 Ukoll talli ghad li kien xurban qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew

b xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Il-Qorti hi gentilemnt mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija b'zieda mal-piena tipprojbixx lil Etienne Borg li jattendi f'xi ground tal-isports ghal perjodu ta' mhux izjed minn sena.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC649 D. Daren Decelis u tapplika l-provedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe' conviction sheet, zewg certifikati medici u stqarrija ta' l-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu llum nhar il-hamsa (5) ta' Mejju 2012, u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih tul l-investigazzjoni, li skuza ruhu tal-akkadut minnufih u cioe' fil-bidu nett tal-investigazzjoni li kienet qed issir fil-konfront tieghu u li l-feriti subiti huma ta' natura minima.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 6, 95, 221 u 338 (bb) (dd) (ee) (gg) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6(1) u 9(1) tal-Avviz Legali 88/1988, tiddeciedi li issib lill-imputat ETIENNE BORG hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tikkundannah elf u mitejn Ewro (€1,200) multa.**

**Inoltre tordna s-sospensjoni ta' l-imputat milli jidhol fi kwalunkwe grownd tal-futbol u dan ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum.**

**Il-Qorti tordna, li ai termini ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza w l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------